MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 101/2002/1

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita.**

**-vs-**

**Invicta Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikorsipprezentat fit-30 ta' Jannar, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet:

Illi f'l-20 ta' Ottubru 2000 ir-rikorrenti rceviet ilment dwar nuqqas ta' access ghall-fond 21 Quarries Square Msida.

Illi dan il-fond huwa wiehed mid-diversi fondi propjeta tas-socjeta intimata u li minnu s-socjeta intimata tbiegh apparat intiez ghal uzu minn persuni b'dizabilita.

Illi l-ebda wiehed mill-fondi tas-socjeta intimata m'ghandu access adegwat ghal persuni b'dizabilita partikolarment dawk li juzaw siggu tar-roti.

Illi dan il-fatt jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuna li ghamlet l-ilment ai termini ta' l-artikolu 12 ta' l-Att Dwar Opportunitajiet Ndaqs (Persuni b'Dizabilita) --- l-Att 1/2000.

Illi r-rikorrenti nfurmat lis-socjeta intimata b'dan l-ilment fis-6 ta' Novembru 2000.

Illi minkejja korrispondenza fit-tul bejn il-partijiet u anke promessi da parti tas-socjeta intimata li ser tirrimedja s-sitwazzjoni u taghmel dak kollu mehtieg biex tottempera ruhha mal-Ligi, b'mod li almenu jkollha fond wiehed acessibli ghal-persuni b'dizabilita, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti.

Illi ai termini ta' l-Att 1 tas-sena 2000 fuq imsemmi u l-Avviz Legali 13/2001 u 3/2002 il-Kummissjoni rikorrenti ghandha s-setgha li tirreferi hi kazijiet ta' diskriminazzjoni quddiem din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. tiddikjara li s-socjeta intimata hija hatja ta' diskriminazzjoni ai termini ta' l-artikolu 12 ta' l-Att 1 tas-sena 2000;

2. tipreffiggi zmien qasir u perentorju li fih is-socjet intimate ghandha taghmel dawk ix-xogholijiet kollha

necessarja sa biex ipprovdi access liberu fil-fond 21 Quarries Square Msida u fil-fondi l-ohra propjeta taghha.

Rat ir-risposta ta' Invicta Limited li permezz taghha espona bir-rispett:

1. Illi in linea preliminary l-esponenti jichad illi huwa b'xi mod qed jiddiskrimina kontra persuni b'dizabilita' kif qed jigi allegat mir-rikorrenti.

2. Illi subordinatament l-esponenti jirrileva illi l-fond 21, Quarries Square, Msida, huwa *workshop* tas-socjeta' intimata u mhux espost ghall-pubbliku u kwindi ma jaqax taht il-kappa tal-att invokat mir-rikorrenti.

3. Illi kif gja kellu okkazjoni jispjega lir-rikorrenti, l-esponenti kien fil-fatt ghamel dak kollu li setgha possibilment jaghmel sabiex jiffacilita l-access ghall-hanut tieghu senjatament dak li jinsab fil-lokalita' ta' Gwardamangia minn liema hanut jinbieghu oggetti propju ghall-uzu minn persuni b'dizabilita'.

4. Illi l-esponenti kien inkarig perit arkitett sabiex jissugerixxi u ihejji pjanti sabiex jiffacilita l-access tal-imsemmi hanut. Il-perit kien issugerixxa li jithaffer il-fond tal-esponenti biex b'hekk l-access ghal persuni b'dizabilita ikun facilitat. Sfortunatament, dan ix-xoghol ma setghax isir billi kien jirrikjedi li thaffer l-art certu fond b'mod li kellu jitkisser is-saqaf tal-fond sottastanti appartenenti lil terzi u ghalhekk kien impossibili li tezegwixxi u timplementa din il-pjanta. L-esponenti hekk ffaccjat din il-problema rrivertiet ghal soluzzjoni ohra u cioe li ghamlet rampa barranija minn gol-hanut ghal fuq il-bankina. B'hekk il-hanut huwa accessibli minn persuni b'dizabilita u m'hu qed isir ebda diskriminazzjoni kif qed jigi allegat. L-esponenti kien zamm lir-rikorrenti

aggornat dwar dak li gie fuq espost u minkejja l-isforzi li l-esponenti ghamel, donnu li r-rikorrenti ma kienx sodisfatt.

5. Illi l-esponenti jaghmel referenza kemm ghall-protest gudizzjarju ippresentat mir-rikorrenti, kif ukoll ghall-kontroprotest tal-esponenti [hawn annessi u mmarkati bhala Dok ‘X1’, ‘X2’ rispettivament] fejn l-esponenti rega, tramite mezzi gudizzjarji, spjega l-fatti lir-rikorrenti liema fatti juru bic-car li l-artikolu invokat mir-rikorrenti m’hux qed jigi bl-ebda mod miksur mill-esponenti.

6. Illi dwar il-fondi l-ohra tal-esponenti, liema fondi r-rikorrenti ma ta ebda indirizz jew lokalita’, jinghad illi dawn il-fondi huma fondi li ilhom mibnijin snin twal, u bla pregudizzju, kwalunkwe xoghlijiet li jista jkun jinhtieg li jsiru ikunu ta’ piz fuq l-esponenti mhux gustifikat u b’hekk, f’dan il-kaz ukoll, l-esponenti mhux qed imur kontra jew qed jikser il-ligi in kwistjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-esponenti jirrizerva li jtella x-xhieda u prova kollha necessarji, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Frar 2005 li permezz tieghu ir-rikors thalla ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjes wara li r-rikorrenti kienu cedew it-talba dwar il-mertu permezz tan-nota minnhom presentata fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru, 2004.

Rat l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 433 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti kienu ghamlu t-talba taghhom a tenur tal-artikolu msemmi fejn allegaw li l-intimati ma kienux qed

jipprovdu access fil-fond imsemmi fir-rikors ghall-persuni b’disabilita’. Billi l-intimati ma baqghux joperaw mill-fond imsemmi, it-talba fil-mertu giet ceduta izda r-rikorrenti

zammew ferm il-kap tal-ispejjes. Naturalment biex il-Qorti tiddeciedi dwar dan il-kap, trid tidhol fil-mertu biex tara jekk l-azzjoni kienitx inizjalment gustifikata.

Fil-waqt li r-rikorrenti esebew affidavit ta' Alfred Bezzina, direttur esekuttiv tal-Kummissjoni rikorrenti, l-intimati ma ressqux provi. Mid-deposizzjoni tal-imsemmi Alfred Bezzina jirrizulta li s-socjeta' intimata, *nonostante* li giet diversi drabi intepellata biex tirrimedja s-sitwazzjoni, naqset li taghmel dan. Barra minn dan, anke mid-dokumenti esebiti mix-xhud, it-talba tar-rikorrenti kienet tidher gustifikata.

**Ghaldaqstant il-Qorti, fil-waqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti rigward il-mertu, tikkundanna lill-intimati ihallsu l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------